# F'MEWT MISSIERI

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Xita bla ħmiena għal erbgħin jum kien ilha
  Issawwat l-art bla qalb; u l-wied li ngħabar
Kaxkar il-ħażen tagħha b'id qalila
  Biex tilqa' lilek safja ġewwa l-qabar.

Xħin tgħammdet l-art, ix-xemx, fl-isbaħ titwila,
  Ċarrtet is-sħab: il-jum tat-tluq inħabar.
Ruħek imxennqa tniehdet f'karba twila
  U telqet żewġ demgħat—ta' ferħ u sabar.

Missier mill kbar, safi fil-ħsieb, f'egħmilek,
  Ċanfira għall-ħajja mħassra li qed taqa',
Hadd fis-sempliċità ma jixbah lilek!

Jien nibqa' nfaħħrek mhux għax demmek demmi,
  Iżd'għax kont raġel fost il-ftit li baqa'
U nħoss li s-Sewwa m'għandux igħib bla msemmi.